Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 3 ta' Novembru 2026
(OR. en)

14559/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0317(NLE)

FISC 352
ECOFIN 1323
ENER 657

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lis-Slovenja tapplika rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa fuq il-petrol mingħajr ċomb u ż-żejt tal-gass użati bħala fjuwils tal-magni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/…

ta' …

li tawtorizza lis-Slovenja tapplika rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa fuq il-petrol mingħajr ċomb u ż-żejt tal-gass użati bħala fjuwils tal-magni, skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1), tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

[1] ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/96/oj.

Billi:

(1) Fil-ġimgħat ta' qabel l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, żviluppi ġeopolitiċi fil-Lvant Nofsani kellhom impatt fuq il-ktajjen tal-provvista taż-żejt u tal-prodotti taż-żejt globalment u wasslu għal żidiet qawwijin u persistenti fil-prezzijiet bl-ingrossa u bl-imnut tal-prodotti tal-enerġija. Dawk iż-żidiet kellhom effetti negattivi sinifikanti fuq l-unitajiet domestiċi, b'mod partikolari l-konsumaturi vulnerabbli, u fuq l-impriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, u b'hekk ħolqu riskju serju għall-koeżjoni soċjali, l-istabbiltà ekonomika u l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(2) Fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Marzu 2026, il-Kunsill Ewropew irrikonoxxa n-natura straordinarja tas-sitwazzjoni fis-suq tal-enerġija u l-implikazzjonijiet makroekonomiċi tagħha. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex tfassal miżuri nazzjonali temporanji u mmirati biex jittaffew l-impatti sinifikanti taż-żidiet fil-prezzijiet tal-fjuwils minħabba l-kriżi fil-Lvant Nofsani u saħaq b'mod partikolari l-bżonn ta' rispons koordinat peress li l-kunflitt fil-Lvant Nofsani għandu impatt immedjat fuq il-prezzijiet tal-enerġija għaċ-ċittadini u għan-negozji Ewropej.

(3) It-taxxi tas-sisa kif stabbiliti bid-Direttiva 2003/96/KE jikkontribwixxu għall-kost finali tal-prodotti tal-enerġija fornuti fl-Unjoni. Tnaqqis fit-taxxi tas-sisa li jkun taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti f'dik id-Direttiva jista' jtaffi xi wħud miż-żidiet fil-kost tal-enerġija li bħalissa qed jiffaċċaw l-Istati Membri.

(4) Il-flessibbilitajiet previsti fid-Direttiva 2003/96/KE jippermettu lill-Istati Membri jnaqqsu, f'limiti definiti, il-piż tat-taxxa fuq prodotti speċifiċi tal-enerġija b'mod immirat u temporanju. Fid-dawl tan-natura eċċezzjonali u urġenti tas-sitwazzjoni attwali, huwa meħtieġ li jiġu previsti flessibbilitajiet speċifiċi u limitati fiż-żmien immirati b'mod espliċitu biex itaffu l-impatt tax-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.

(5) It-tnaqqis temporanju fit-tassazzjoni ta' prodotti tal-enerġija mmirati jista' jagħti għajnuna rapida lill-unitajiet domestiċi u lill-impriżi billi jnaqqas direttament il-prezzijiet tal-utent finali. Fis-sitwazzjoni attwali, dan it-tnaqqis straordinarju jista' jikkostitwixxi strument xieraq u neċessarju biex jiġi indirizzat it-tfixkil serju fl-ekonomija li jirriżulta mix-xokk fil-prezzijiet tal-enerġija.

(6) Permezz tal-ittri bid-data tal-31 ta' Lulju 2026 u tal-21 ta' Awwissu 2026, l-awtoritajiet Sloveni talbu awtorizzazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE, biex japplikaw rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa għall-petrol mingħajr ċomb u għaż-żejt tal-gass użati bħala fjuwils tal-magni. Dawk ir-rati mnaqqsa jiġu stabbiliti taħt il-livelli minimi tat-tassazzjoni stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(7) L-awtorizzazzjoni ntalbet għal perjodu ta' sitt xhur.

(8) Skont l-awtoritajiet Sloveni, l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa għandha l-għan li ttaffi l-impatt taż-żidiet fil-prezzijiet tal-petrol mingħajr ċomb u taż-żejt tal-gass li jirriżultaw mis-sitwazzjoni ġeopolitika u li jaffettwaw direttament jew indirettament, permezz ta' effetti sekondarji, kemm l-unitajiet domestiċi kif ukoll il-kumpaniji.

(9) L-awtorizzazzjoni mitluba ġiet eżaminata mill-Kummissjoni u titqies li x'aktarx ma xxekkilx il-funzjonament xieraq tas-suq intern. Fid-dawl tad-durata qasira tagħha u taċ-ċirkostanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni ġeopolitika, flimkien ma' prezz tas-suq taż-żejt eċċezzjonalment għoli, id-deroga mitluba titqies adegwata u proporzjonata, b'kont meħud tal-ħtieġa li jinstab bilanċ bejn l-objettivi ta' politika speċifiċi elenkati fl-Artikolu 19(1), it-tielet subparagrafu, tad-Direttiva 2003/96/KE, b'mod partikolari l-politika ambjentali tal-Unjoni, u l-imperattiv ta' emerġenza li tiġi żgurata l-affordabbiltà tal-enerġija għan-negozji u għall-unitajiet domestiċi.

(10) Għalhekk, jenħtieġ li s-Slovenja tiġi awtorizzata tapplika b'mod temporanju rati mnaqqsa ta' taxxa tas-sisa taħt il-livelli minimi tal-Unjoni għall-petrol mingħajr ċomb u għaż-żejt tal-gass użati bħala fjuwils tal-magni.

(11) Skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dak l-Artikolu trid tkun strettament limitata fiż-żmien. Madankollu, sabiex ma jiddgħajfux l-iżviluppi futuri tal-qafas legali eżistenti, huwa xieraq li jiġi previst li, fil-każ li l-Kunsill, li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jew kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-TFUE, jintroduċi livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni għall-petrol mingħajr ċomb u għaż-żejt tal-gass li jintużaw bħala fjuwils tal-magni li għalihom dik l-awtorizzazzjoni ma tkunx adattata, jenħtieġ li dik l-awtorizzazzjoni tieqaf tapplika fid-data li fiha dawk il-livelli minimi ta' tassazzjoni ġodda jsiru applikabbli.

(12) Fl-istess ħin, tnaqqis mhux immirat fit-taxxa jimplika kostijiet fiskali sinifikanti u għandu t-tendenza li jżid id-domanda għall-fjuwils fossili, u b'hekk jaggrava l-iżbilanċ tal-provvista u d-domanda. Għalhekk, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni mogħtija b'din id-Deċiżjoni tibqa' strettament limitata fiż-żmien.

(13) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Slovenja hija awtorizzata tapplika tnaqqis fir-rati sa EUR 0,2195 għal kull litru għall-petrol mingħajr ċomb użat bħala fjuwils tal-magni u sa EUR 0,225 għal kull litru għaż-żejt tal-gass użat bħala fjuwils tal-magni taħt il-livelli minimi ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tan-notifika tagħha.

Madankollu, f'każ li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi abbażi tal-Artikolu 113 tat-TFUE jew ta' kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti oħra tat-TFUE, jintroduċi livelli minimi ġodda ta' tassazzjoni msemmija fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/96/KE għall-petrol mingħajr ċomb u għaż-żejt tal-gass użati bħala fjuwils tal-magni li l-awtorizzazzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx kompatibbli magħhom, din id-Deċiżjoni għandha tieqaf tapplika fid-data minn meta dawk il-livelli minimi ta' tassazzjoni ġodda jsiru applikabbli.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika fid-data tan-notifika tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tas-Slovenja.

Magħmul fi …, …

Għall-Kunsill

Il-President